# ĦARSA LURA — BORMLA 50 SENA ILU

Mill-Ispeċjalista-Dentist CHARLES J. BOFFA BChD, BPharm, FICD, PhD.

***Fil-ħajja tajjeb li kultant nagħtu ħarsa lura. Is-snin gerbu bħal ħolma. Kont tifel, iżda t-tifkiriet ta' matul il-gwerra għadhom ċari. Dan l-aħħar, ħadt grupp studenti Taljani u Franċiżi jaraw il-Kottonera u s-swar maestużi. F'xi nħawi għadhom jidhru partijiet fejn kienu ntlaqtu bil-bombi. Il-ballun ħamrani tax-xemx li kien nieżel bil-mod meta konna deħlin fil-knisja tal-Kunċizzjoni ta lill-faċċata dehra sabiħa. Ftakart fix-xeni ta' sparar u splużjonijiet ta' matul il-gwerra.***



Matul ix-xitwa u r-rebbiegħa ta' l-1942 - Jannar, Frar, Marzu, April, Mejju u Ġunju, il-balal niżlu ta' spiss fuq il-Port il-Kbir, it-Tarzna u l-Kottonera, ifarrku, ikissru, joqtlu. F'Bormla iżjed bini ġġarraf u bosta mit-triqat ma kontx tista' tgħaddi minnhom minħabba munzelli ta' terrapien. Barra l-periklu serju tal-mewt mill-attakki mill-ajru kien hemm nuqqas kbir ta' ikel, li bil-mod dgħajjef is-saħħa, il-moral u l-enerġija tal-poplu.

Fil-15 ta' Awissu wasal il-famus konvoj ta' Santa Marija. Għal ħdax-il jum f'Ottubru kellna sensiela ta' attakki ħorox mill-ajru, iżda wara li l-forzi Ingliżi rebħu l-battalji ta' El Alamein, is-sitwazzjoni marret ħafna għall-aħjar, għalkemm xi drabi baqa' jkollna attakki oħrajn.

Fi ftit kliem ma nistax niddiskrivi l-ħajja fil-Kottonera. Dan għamiltu fil-ktieb żgħir tiegħi: IT-TLITT IBLIET MATUL L-AĦĦAR GWERRA, 1940-43, STORJA U TIFKIRIET.

Matul il-gwerra ħafna bombi ta' kalibru kbir waqgħu fil-qrib tas-Santwarju u kważi l-bini kollu ta' madwaru ġġarraf. *Mine* ġie ftit metri bogħod mill-ħajt tal-Kor (wara l-knisja) u ma ħadetx. Din neħħewha minn hemm l-uffiċjali tal-*Bomb Disposal Unit.* Kieku splodiet kienet bla dubju ttajjar il-knisja. *Mines* kbar bħal din, li waqgħu f'inħawi oħra tal-gżira, bħal fuq il-Belt Valletta, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Luqa, kienu farrku madwar ħamsin dar kull fejn waqgħu. Kienet kumbinazzjoni jew intervent t'Alla u l-Madonna, li l-Bormliżi kienu magħrufa għad-devozzjoni lejhom, li żammew li jseħħ diżastru mill-knisja.

Matul Diċembru 1942, l-attakki mill-ajru naqsu ħafna u l-għadd ta' nies żdied xi ftit, minħabba l-fatt li ħafna rġiel li kienu jaħdmu t-Tarzna u kellhom is-sahra, kien jaqblilhom igħixu qrib il-post tax-xogħol. Il-biċċa l-kbira tan-nies li baqgħu Bormla, kienu jgħixu ġox-xelters u f'mini taħt is-swar, fl-inħawi magħruf bħala Santa Liena, San Ġwann t'Għuxa, Għajn Dwieli, Verdala, Santa Margerita, *St. Nicholas* u fil-foss il-kbir bejn Bormla u l-Birgu.

F'Diċembru, għadd kbir ta' suldati u ħaddiema bdew ineħħu t-terrapien li kien hemm bejn Triq San Pawl u l-knisja ta' Santa Tereża, biex ikunu jistgħu jgħaddu n-nies. Dan ix-xogħol komplewh matul l-1943 u l-1944, ħafna ħaddiema Maltin u wkoll priġunieri tal-gwerra Ġermaniżi u Taljani.

## IL-KNISJA PARROKKJALI MA KINITX TINTUŻA

Fil-ġranet tal-festa tal-Kunċizzjoni ma sarux ċelebrazzjonijiet, iżda saret Quddiesa li fiha ħadu sehem l-Arċipriet Dun A. Camilleri u l-Kanonċi Dun E. Zerafa, Dun M. Camilleri u Dun G. Cassar. Ġol-knisja kien hemm abra ta' trab kullimkien u dan tnaddaf minn grupp ta' Bormliżi. Kienet ċerimonja qasira iżda kommoventi. Fost ħwejjeġ oħra, l-Arċipriet qal: *"Mingħajr valuri morali, l-ebda poplu, kbir jew żgħir, ma jista' jibqa' sħiħ. Il-fidi saħħitna f'dawn iż-żminijiet diffiċli. J'Alla din tkompli fil-ġejjieni ... Jiena fiduċjuż li bil-għajnuna t'Alla, nerġgħu niltaqgħu biex niċċelebraw il-festa f'ċirkostanzi isbaħ u fil-paċi."* U hekk kien.



✠

The people of Cospicua dispersed throughout the whole island by the cruelties of war celebrating for the first time the feast of THE IMMACULATE CONCEPTION in the Parish Church of Birkirkara humbly pray OUR LADY QUEEN OF PEACE to spread her maternal mantle over MALTA and to grant The British Empire a Victorious Peace.

*O Mary, conceived without sin, pray for us, who have recourse to Thee.*

8/XII/1941.

***Santa li tqassmet fi żmien il-Gwerra***

Episodju ieħor ġara fis-27 ta' Diċembru meta l-attakki kienu ħfiefu. Żewġ bombi żgħar ħabtu max-xifer tal-gwarnic tal-kampnar tal-qanpiena l-kbira. Dawn inbesqu ftit 'il barra u splodew biswit il-knisja.

Bħal ma għidt diversi drabi fil-passat, jixraq li dak li ġara ġo Bormla jibqa' mfakkar u isem dawk li tilfu ħajjithom jiġi mniżżel fuq monument xieraq.